# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 15 ta' Ottubru 2015

Rikors Guramentat Nru.  117 / 14RGM

Kawza fil-lista:  22

**D F**
**vs**
**G I**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici fit-3 ta' Gunju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut G I minn liema relazzjoni twieldet it-tifla A I nhar it-tlieta (3) ta' Dicernbru tas-sena elfejn u erbgha (2004).

Illi dina r-relazzjoni intemmet bejn il-partijiet de quo, l-imsernmija tifla binthom qed titrabba esklussivament mill-attrici, filwaqt li l-konvenut qatt ma jipprova jara lill-imsemmija bint minuri u lanqas qatt ma hallas mantenirnent ghall-istess bint komuni A I u dana minkejja illi permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), il-konvenut gie ordnrt ihallas manteniment mensili ta' mija u erbghin euro (€140) oltre nofs l-ispejjez edukattivi u medici.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata tressaq din l-istanza permezz ta' digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-tmienja u ghoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u erbatax (2014).

Illi l-attrici giet arnmessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) (talba numru 349/2013).

Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minorenni A I tigi fdata esklussivament f'idejn l-attrici b'dana illi l-konvenut jkollu access ghal imsemmi bint minorenni A I skond dawk il-modalitajiet illi dina l-Onorabbli Qortijidrilha xierqa;

2. Tordna illi l-beneficcji u/jew ghajnuna socjali li jkun pagabbli lill-minorenni msemmija jigu percepiti mill-attrici;

3. Tiffissa retta alimentarja adegwata ghall-istess minorenni mehud in konsiderazzjoni l-htigijiet taghha fir-rigward tas-sahha u edukazzjoni taghha, liema retta ghandha tigi perjodikament riveduta skond il-mezzi tal-konvenut u revisibbli skond l-gholi tal-hajja u dana sakemrn l-istess binthom Jasmine I issir maggjorenni, liema retta ghandha tkun dovuta mid-data tat-twelid ta' l-istess binthom A I.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut ghalkemm notifikat bir-rikors guramentat ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi.**

L-attrici xehdet illi kienet bdiet tghix mal-konvenut madwar dsatax-il sena ilu. Kienu jghixu bil-beneficcji socjali u bix-xoghol part-time taghha peress li skond l-attrici l-konvenut qatt ma ried jahdem. Ghamlu ghaxar snin jghixu flimkien. Matul dan iz-zmien il-partijiet kellhom tlett itfal. Minn dawn it-tlett itfal huwa rrikonoxxa lil A li twieldet fit-3 ta' Dicembru 2004. Iz-zewgt itfal l-ohra huma indikati fuq ic-certifikat tat-twelid bhala b'missier mhux maghruf.

Tghid hekk fir-rigward:- "It-tifla llum ghandha ghaxar snin w ghalqithom fit-3 ta' Dicembru tas-sena 2014. Missierha l-konvenut ma jhallas xejn ghaliha, ma jaghti kaz assolutament xejn lanqas birthdays, u ghall-birthdays ma jcempilx biex jghidilha happy birthday. Qatt ma ha nteress f'din it-tifla".

L-attrici tkompli tispjega illi ghalkemm fis-sena 2012 hija kienet ottjeniet digriet kontra l-konvenut sabiex jibda jhallas manteniment ghall-minuri huwa xorta baqa' ma hallas xejn.  Tghid li l-konvenut wehel il-habs ghax ma hallasx manteniment.

L-attrici ressqet bhala xhud lil Stephanie Caruana, haddiema socjali mal-Agenzija Appogg.

Stephanie Caruana xehdet li hija ssegwi lill-attrici u lil uliedha. Mal-konvenut qatt ma ltaqghet. Bdiet issegwi lill-attrici minhabba diffikultajiet fir-relazzjoni bejn l-attrici u uliedha. L-attrici tilmenta maghha illi ma tistax tlahhaq mal-ispejjez fit-trobbija tat-tfal u kif il-konvenut ma jaghtiha l-ebda ghajnuna finanzjarja.

B'digriet tas-27 ta' Novembru 2014 il-Qorti kienet innominat lill-Agenzija Appogg sabiex tindaga fuq il-kaz b'mod partikolari dwar ir-relazzjoni ta' bejn il-minuri A u missierha l-konvenut.

Izda b'nota tal-4 ta' Marzu 2015 l-Agenzija informat permezz ta' nota illi ghalkemm kienet ghamlet diversi tentativi sabiex tikkomunika mal-partijiet hadd minnhom ma kkopera u ghalhekk l-Agenzija ma setghetx taqdi l-inkarigu lilha moghti tant li l-inkarigu gie revokat b'digriet tat-18 ta' Marzu 2015.

B'digriet tat-28 ta' April 2015 il-Qorti ordnat li l-manteniment dovut lill-attrici ghall-minuri jigi dedott mill-assistenza socjali li jircievi l-konvenut.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-konvenut, li jinsab kontumaci, naqas ukoll milli jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ghalkemm inghata sas-16 ta' Gunju 2015 sabiex jaghmel dan.

Ikkunsidrat;

Mill-provi imressqa jirrizulta illi l-konvenut, missier il-minuri A I, ma hux qed jikkontribwixxi fit-trobbija tal-minuri. Skond l-attrici ilu jonqos minn dan l-obbligu ghal dawn l-ahhar tmien snin anke wara li kien inghata digriet pendente lite fis-sena 2012.

Fil-fehma tal-Qorti l-attrici irnexxielha tipprova sodisfacentement il-kawzali li fuqhom qed issejjes din il-kawza. Tenut kont li l-konvenut baqa' kontumaci, ma tressqu l-ebda provi sabiex jikkontradixxu dak li qed issostni bil-gurament taghha l-attrici.

It-talba ghall-arretrati hija wkoll gustifikata pero' mhux bil-mod kif qed titlob l-attrici fit-tielet talba taghha. Fit-tielet talba taghha l-attrici qed titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha manteniment mid-data tat-twelid tat-tifla li twieldet fis-

sena 2004. Pero’ l-attrici ddikjarat illi sa tmien snin ilu hija kienet ghadha tikkoabita mal-konvenut. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti il-konvenut ghandu jigi kkundanant ihallas lill-attrici manteniment ghall-minuri minn meta telaq mid-dar u cioe’ mis-sena 2007.

Fir-rigward tar-rata ta’ manteniment il-Qorti hi tal-fehma illi fic-cirkostanzi jkun ekwu u gust li tigi likwidata r-rata ta’ manteniment fis-somma ta’ mitejn ewro (€200) fix-xahar.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi, fil-kontumacja tal-konvenut taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi;

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri A I imwielda fit-3 ta’ Dicembru 2004 tkun esklussivament f’idejn ommha l-attrici D F.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li kwalunkwe beneficcji socjali jew ‘allowances’ pagabbli fir-rigward tal-minuri A jigu percepiti mill-attrici.

3. Tilqa’ parzjalment t-tielet talba, tiffissa r-rata ta’ manteniment pagabbli mill-konvenut lill-attrici fir-rigward tal-minuri A fis-somma ta’ mitejn ewro (€200) fix-xahar b’effett mill-ewwel (1) ta’ Settembru elfejn u sebgha (2007).

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ mitejn ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri A u dan b’effett mill-ewwel (1) ta’ Settembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) liema manteniment ghandu b’effett mill-ewwel (1) ta’ Jannar sena elfejn u sittax (2016), jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa’ jithallas sakemm il-minuri taghlaq tmintax-il sena jew sa tlieta u ghoxrin sena kemm-il darba tibqa’ tistudja *full-time.*

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**